MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' April, 2006

Numru 150/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Kenneth Schembri, iben John,
imwieled Pieta' fit-23 ta'
ottubru, 1989
u
Matthew Scerri, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-4 ta'
Lulju, 1990
u
Rene Zahra, iben Aronne,
imwieled Pieta' fil-11 ta'
jannar, 1990

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-lejl ta' bejn il-11 u it-12 ta' frar, 2006 għal ħabta ta' nofs il-lejl, f'Bormla, ikkomettew serq ta' diversi karti

tal-eżami mill-Ġużeppi Despott junior Lyceum, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex l-għaxar liri maltin (Lm10), għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' marzu, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 261(b)(f), 263, 270, 278(1)(2) u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Rat li
l-imputati huma minuri b'fedina penali netta. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal kull wieħed mill-imputati għal żmien sena mil-lum. Tordna li d-Direttur tas-Servizzi ta' probation jaħtar Probation Officer għal dan il-għan. Fl-aħħar nett, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas multa ta' għaxar liri maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------